MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Talba Numru. 206/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Albert Falzon Santucci abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Albert Falzon Santucci (631941(M))**

**vs**

**Stephen de Domenico**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar, 2005 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u hames liri Maltin u centezmu (Lm605.01) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Albert**

**Falzon Santucci assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' hames mija u tmenin lira Maltija u centezmu (Lm580.01), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-istess Albert Falzon Santucci in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta' Awissu 2004 ghall-habta ta' 8.41am gewwa Upper Gardens, Swieqi, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Albert Falzon Santucci, bin-numru ta' registrazzjoni FSI-960 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni GAB-519, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici GasanMamo Insurance Limited, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fl-1 t'April, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmenin lira Maltija u centezmu (Lm580.01), u lill-attur Albert Falzon Santucci l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-11 ta' Frar, 2005 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici GasanMamo Insurance Limited, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------